# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' April, 2019**

**Rikors Numru : 295/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**AB**

**Vs**

**U b'digriet tat-13 ta' Novembru, 2018 gew nominati Dr. Victor Bugeja u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati ghal CRB (I.D. tal-Y nru. X)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 13 ta' Gunju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata CRB (KI tal-Y nru. X) fl-ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (20.09.2009) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. AB 1;*

2. *Illi permezz ta' kuntratt datat sittax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009), r-rikorrent eskludew ir-regim tal-komunjoni tal-Akkwisti sabiex tul iz-zwieg kien jopera r-regim tas-separazzjoni tal-beni (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. AB 2);*

3. *Illi minn dan iz-zwieg, ma twieldux tfal;*

4. *Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibli u r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati de facto sa mill-bidu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u konsegwentement ilhom separati de facto iktar minn erba' snin f'dawn l-ahhar hames (5) snin;*

5. *Illi r-rikorrenti u l-intimata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

6. *Illi r-rikorrenti jixtieq jipprocedi ghall-ksib tad-divorzju;*

7. *Illi l-intimata CRB tirrisjedi gewwa l-Y filwaqt li r-rikorrenti AB jirrisjedi Malta;*

8. *Illi ma hemm ebda proprjeta komuni bejniethom u ma hemmx bzonn ta' likwidazzjoni u divizjoni tal-akkwisti;*

9. *Illi l-fatt hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kellha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

10. *Illi permezz ta'digriet datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). L-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u r-rikorrenti gie awtorizzat jipprezenta r-rikors odjern (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. AB 3);*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;*
2) *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur Pubbliku bil-hall taz-zwieg tar-rikorrenti sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati, datata 4 ta' Dicembru, 2018, a fol 53 li taqra hekk:

> *Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jirrispondu ulterjorament fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.*
>
> *Illi r-rikorrenti ghandu jipprovdi lill-kuraturi indirizz fejn jista' jikkomunika mal-patrocinata tieghu.*

Rat id-dokumenti li pprezenta Dr Victor Bugeja fejn CRB ikkonfermat li l-partijiet qablu fuq id-divorzju (Vide fol 59 et seqq.)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti AB** xehed a fol 55 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Settembru 2009, u qabel dan kienu ghamlu kuntratt ghas-separazzjoni tal-beni. Xehed illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament minn mindu huwa telaq mill-Y xi hames snin ilu, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-***

***Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi r-rikorrenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi b'dawn il-proceduri ta' divorzju permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta' Mejju 2018.

Di piu' jirrizulta illi l-partijiet kienu eskludew l-applikazzjoni tar-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghazlu minflok li japplika r-regim tas-separazzjoni tal-beni fiz-zwieg taghhom, permezz ta' kuntratt pre-nupzjali datat 16 ta' Settembru 2009, fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena. Illi ghalhekk m'ghandha ssir ebda likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, stante li din qatt ma kienet vigenti fir-rigward tal-partijiet.

Jirrizulta wkoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Il-provi juru illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-bidu tas-sena 2013, u cioe ghal aktar minn erba' snin.

Rat illi ma saret l-ebda talba ghall-manteniment minn naha tal-intimata, li lanqas ma opponiet ghat-talba ghad-divorzju maghmula mir-rikorrent.

Il-Qorti rat illi l-intimata m'ghadhiex tirrisjedi Malta, u li jirrizulta li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**